MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1972/2003

**Noreen Caruana (ID 462991M)**

**Vs**

**Lawrence Caruana u b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2003 gie kjamat in kawza Dr Mark Chetcuti fil-kwalita` tieghu ta' kuratur tal-istess konvenut Lawrence Caruana u b'digriet tas-26 ta' Jannar 2004, wara Lawrence Caruan" ghandhom jizdiedu l-kliem "kif assistit minn Dr Mark Chetcuti skond digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili datat it-23 ta' Lulju, 2003**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Ottubru 2003 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm400 (erba` mitt Lira Maltin) dovuti ghal arretrati ta' manteniment.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ erba` mitt lira Maltin (Lm400) rapprezentanti arretrati ta’ manteniment ordnat bis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-kawza fl-ismijiet Noreen Caruana vs Dr Lawrence Caruana (Citaz Nru: 1265/91FD) tal-4 ta’ Lulju 1997 liema sentenza gie konfermat b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell moghtija fid-9 ta’ Gunju 1998.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-orezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi l-konvenut gie inabilitat permezz ta’ digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta’ Lulju 2003 (dok A) b’dan id-digriet gie mahtur Dr Mark Chetcuti bhala kuratur ghall-inabilitat – il-kawza giet ghalhekk intavolata hazin u t-talbiet ghandhom jigu michuda. Fil-fatt il-kawza infethet mill-attrici fl-1 ta’ Ottubru 2003 hafna wara d-digriet li bih l-esponent gie inabilitat. Qed jigi wkoll anness ir-rikors li talab li l-konvenut jigi inabilitat Dok B; kif ukoll noti prezentati mill-konvenut in rigward. Dak ir-rikors sar minn bint l-konvenut li qed tigbed l-istess habel tal-attrici:

Illi ai termini tal-Art 524 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili li a bazi tieghu l-konvenut gie inabilitat il-konvenut la jista jidher bhala attur u l-anqas bhala konvenut f’kawzi ghalhekk din il-kawza ma tistax tregi u t-talbiet kif maghmula ghandhom jigu michuda;

Illi din it-talba l-attrici gia ghamlitha fi proceduri ohra u ghalhekk issa hija res judicata riferenza ssir ghat-talba quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar (2606/2002AJD). Dik il-kawza kienet marret deserta fl-1 ta’ Lulju 2003. Il-konvenut jitlob li jigi allegat dak il-process. F’dik il-kawza l-attrici talbet hlas ta’ Lm1400 ghal perjodu definit il-premessi tal-kawza. Il-konvenut bl-ghajnuna ta’ huh hallas dak l-ammont li ghalhekk kien definitivament ikopri il-perjodu kollu li kien hemm dovut – wara dak il-hlas il-

konvenut baqa` ihallas regolarment kull xahar. Ghalhekk ebda ammont ma hu dovut.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-attrici tallega li giet imhallsa xahrejn manteniment anqas ghas-sena 2002. Di fatti stitwiet proceduri gudizzjarji. Thallset pero` elf u erbgha mitt Lira Maltin (Lm1400) u sitt mitt lira Maltin (Lm600). Baqa allura bilanc ta’ erbgha mitt lira maltin (Lm400).

Da parti tieghu, il-konvenut jallega li ma hux debitur billi hallas dak minnu dovut.

Illi l-meritu tal-kawza huwa ferm pre-okkupanti billi ancorche l-istat meritali bejn il-kontendenti; sitwazzjoni simili setghetx facilment giet jew evitata jew sbrigata tenut kont l-eta taghhom u l-istat tal-konvenut.

Illi huwa principju tad-dritt nostrali li min jallega irid jipprova il-kaz tieghu almenu fuq bilanc ta’ probabilitajiet. Ghal kuntrarju minn jallega pagament irid jipprova l-istess pagament. Fuq elfejn Lira Maltin (Lm2000) ma kienx hemm problemi. Il-konvenut jikkontendi li anke dawn l-erba` mitt lira (Lm400) gew mhallsa. L-unika difiza li tqajjmet kienet li kieku l-istess ammont kien ikun inkluz fis-sorte tal-kawza precedenti bejn il-partijiet. Jigi ribadit li prova ta’ pagament ma jsirux b’kongettivi u/jew supposizzjonijiet. Ix-xhud stqarr li l-konvenut kien qallu li kien hallas f’kontanti. Rinfacjat bis-sitwazzjoni esistenti bejnithom, il-konvenut messhu jew ma ghamilx il-pagament b’dak il-mod jew talab ricevuta. Jista jkun dak li qed jigi allegat. In vista tal-kondizzjoni tal-istess konvenut, lanqas seta jaghti x-xhieda tieghu.

It-Tribunal japprezza dan kollu, imma ma jistax jiddeciedi jekk mhux a bazi ta’ ligi, gustizzja jew ekwita. L-attrici ghamlet il-prova li ma thallsitx. Il-konvenut ma ghamilx il-prova tieghu ta’ pagament.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici, jichad l-eccezzjonijiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallasha s-somma ta' erbgha mitt Lira Maltin (Lm400), bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz u in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kazi, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------